MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 515/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Luke Bonello)**
**Vs**
**Mark Anthony Iavarone**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 422593(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-23 ta' Ottubru, 2011 għall-ħabta ta' 01.10 a.m. bħala l-persuna li f'ismu għandu l-liċenzja tal-ħanut ta' l-inbid, birra u xorb spiritu bl-isem ta' "Juuls Bar", li jinsab ġewwa Triq San Ġuzepp, San Ġiljan :

1. daqq jew ippermetta li tindaqq mużika wara 11.00 p.m. fl-imsemmi post mingħajr liċenzja ta' l-Awtorita` Kompetenti;

2. għamel xi ħaġa u ċioe` hu daqq jew ippermetta li tindaqq mużika fl-imsemmi ħanut, mingħajr liċenzja ta' l-Awtorita` Kompetenti, meta din il-liċenzja hija meħtieġa minn liġi jew minn regolamenti magħmulin mill-Awtorita` Kompetenti bis-saħħa ta' dik il-liġi;

3. bil-lejl kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew mod ieħor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Dicembru, 2011, li biha wara li rat l-artikolu 38(2)(c), artikolu LS 441.07 u artikoli 338(gg) u (m) u 320 tal-Kap. 9 sabet lill-appellant ħati tal-akkużi kif miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu multa komplessiva ta' mitejn Ewro (€200).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta' Dicembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant imputat minn kull piena u ħtija, u fin-nuqqas, u subordinatament għas-suespost, illi tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi, waqt li tikkonferma l-ħtija skond l-ewwel imputazzjoni migjuba, tbiddilha billi tillibera lill-appellant mit-tieni kif ukoll mit-tielet akkuza miġjuba kontrih.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti :-

**<u>L-ewwel aggravju</u>**

L-esponenti jissottometti l-ewwel nett illi huwa qatt ma kellu jinstab hati tenut kont tal-mod kif l-akkuża kontrih hija redatta. Huwa fil-fatt ġie mharrek bhala Mark Anthony Iavarone biss u mhux b'mod konformi mad-dokumenti esibiti.

Diment illi l-appellant gie akkuzat in rigward ghat-tliet akkuzi “bhala persuna li f’ismek ghandek il-licenzja ta’ l-inbid, birra, u xorb spirituz bl-isem “Juuls Bar”, dawn l-akkuzi ħarġu żbaljatament ghax se mai huwa kellu jiġi imħarrek in konformita` ma’ dak li jingħad fil-liċenzja ossia fid-dokumentazzjoni ufficjali.

Il-prosekuzzjoni ma ressqitx bħala xhieda rappreżentant tad-Dipartiment tal-Kummerc u ma ġew esibiti ebda licenzji elargiti minn tali dipartiment.

Ma ġiet esibita ebda prova li turi responsabilita` personali tal-appellant u separata minn dik on behalf of Juuls Limited kif miktuba fid-dokumentazzjoni msemmija.

**<u>It-tieni aggravju</u>**

Dan l-aggravju – imressaq bla pregudizzju ghall-aggravju suespost – huwa fis-sens illi ħtija skont it-tielet akkuża ma tissusistix.

Fil-fatt ebda mix-xhieda prodotti ma xehdu illi fit-23 ta’ Ottubru 2011, xi ħadd minnhom kellu il-mistrieh tiegħu miksur minħabba ħsejjes jew ghajjat jew mod ieħor ġejjin mill-istabiliment. Kollha kemm huma xehdu in ġenerali dwar in-nies li jkun hemm barra (fuq imwejjed regolarment liċenzjati u klijenti ta’ stabilimenti oħra mifruxa ma’ dik l-area) u dwar il-mużika li jkun hemm imma ħadd ma ftakar xejn dwar il-jum tal-akkuża jew ikkonferma li tabilħaqq dak il-jum kien hemm l-istorbju ġej mill-mużika mill-fond de quo.

PS 1492 effettivament semma` li l-mużika kienet tinstema` minn barra imma ħadd aktar barra hu ma qal hekk.

Kif tispjega il-Qorti tal-Appell Kriminali hekk kif presjeduta mis-Sinjurija Tieghu il-Prim Imhallef Silvio Camilleri f’sentenza tat-18 ta’ Novembru 2011 fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Marco Debono”, fl-analizi dwar jekk ħoss jammontax ghal infrazzjoni tas-subartikolu 338(m) tal-Kap. IX,

*….. Ġie ritenut li biex jirrafigura dan ir-reat jeħtieg li l-ħsejjes jammontaw ghal nuisance u cioe' li jkun hemm substantal inconvenience and material discomfort u li għalhekk l-inkonvenjent irid ikun gravi u mhux faċilment tollerabbli u li jkun ukoll kontinwu u intens. Sentenzi oħra ħadu atteġġjament aktar pragmatiku u anqas assolutista rigward dan ir-reat fejn ġie ritenut li spetta ghall-Qorti minn każ għal każ u skont ir-riżultanzi proċesswali li tivvaluta d-depozizzjoni tal-persuni li jkunu qed jilmentaw mill-inkonvenjent li tiddeċiedi jekk il-ħsejjes ikunux verament ta' inkonvenjent jew le meħud kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Din il-Qorti tabbraċċja dan l-aħħar insenjament anki għaliex ma hemm xejn fl-artikolu 338(m) li jista' jagħti lok għal atteġġjament divers u aktar esiġenti jew rigoruż minn hekk.*

F'sentenzi precedenti tal-istess Qorti tal-Appell bħala "Il-Pulizija vs Raymond Spiteri" ([20.11.1998] per V. De Gaetano J.) intqal li :-

*"Meta l-kwistjoni tirrigwarda inkonvenjent ikkagunat minn hsejjes, il-prova tista` - u fil-maggor parti tal-kazijiet ghandha – issir permezz tal-persuna jew persuni li jkunu qed jissubixxu dak l-inkonvenjent.*

*Normalment, għalhekk, ma jkunx hemm bżonn ta' ebda espert tekniku, li sakemm imur fuq il-post jistgħu jkunu ttieħdu l-miżuri kollha sabiex l-inkonvenjent jigi minimizzat jew imneħħi għal kollox*

.

*F'każijiet bhal dawn spetta ghall-Qorti, fil-gudizzju u fid-dehen taghha, li tivvaluta d-depozizzjoni tal-persuni li jkunu qed jilmentaw mill-inkonvenjent u li tiddeċiedi, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, jekk il-ħsejjes humiex verament ta' inkonvenjent jew le".*

Sentenza ohra pertinenti tal-istess Qorti hija dik li nghatat fil-kawza "Il-Pulizija vs Fortun Fava" ([5.2.1998] per V. De Gaetano J.) fejn gie ritenut li :-

*'Sia ghall-finijiet ta' l-Artikolu 338(m) tal-Kodici Kriminali -- ir-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni -- kif ukoll ghall-fini*

*tal-Artikolu 41(2) tal-Kap. 10, l-inkonvenjent li jrid jirriżulta ma hux xi ħaġa oġġettivament rilevabbli bi strumenti u kalkoli tal-fizika, iżda għandu jirriżulta mid-deposizzjoni jew deposizzjonijiet ta' min ikun qed ibati minn dak l-inkonvenjent. Dak il-ħoss li għall-espert jista' jkun ħoss fi grad minimu, għal ħaddieħor, u speċjalment jekk jikkonkorru ċerti ċirkostanzi bħal, per eżempju, mard, jista' jkun inkonvenjent enormi. Hu dejjem imħolli fil-ġudizzju prudenti tal-ġudikant li javvaluta ċ-ċirkostanzi u l-provi kollha biex jara jekk fil-każ konkret kienx hemm l-inkonvenjent li qed jipprova jipprevjeni l-leġislatur bid-dispożizzjonijiet in dżzamina. U dan l-eżerċizzju normalment jista' jsir mingħajr il-ħtieġa ta' esperti.*

Effettivament jirrizulta li ebda wieħed mill-persuni li telgħu jixhdu ma lmentaw dwar ħsejjes jew inkonvenjent fil-jum tat-23 ta' Ottubru, 2011. Huma qalu li jbatu minn inkonvenjent li skonthom kien ta' spiss imma qatt ma individwaw il-ġurnata tat-taħrika.

Għalhekk ma hemmx depożizzjonijiet minn persuni li allegaw li batew l-inkonvenjent f'dak il-jum.

Fl-opinjoni tal-appellant, mhux bizzejjed illi f'tali kaz, ufficjal tal-Pulizija jikkonferma (kif, għandu jinghad, effettivament għamel) li kien hemm muzika tindaqq wara l-11.00 p.m. biex l-akkuza tissusisti. Irid ikun hemm xhieda inekwivokabbli ta' inkonvenjent arrekat lill-mistrieħ tan-nies f'dak il-jum u dak il-ħin tal-akkuża. Ħaġa li ma tirriżultax.

Is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fil-fatt tistrieh esplicitament (biss) fuq ix-xhieda tal-ufficjal tal-Pulizija. Dan l-ufficjal ma jistax jinghad li huwa l-persuna li batiet l-inkonvenjent bl-ebda mod.

## <u>It-Tielet aggravju</u>

Dan l-aggravju, imressaq bla pregudizzju għall-aggravji fuq dettaljati, jirrigwarda t-tieni akkuza.

Din it-tieni akkuza tidher imsejjsa fuq is-subartikolu 338(gg) tal-Kap. IX li jaqra hekk :

*Huwa hati ta’ kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min –*
*(gg) minn barra mill-kazijiet imsemmijin espressament f’dan il-Kodici jew f’ligi ohra, jagħmel xi haga minghajr licenzja ta’ l-awtorita` kompetenti, meta din il-licenzja hija meħtiega minn liġi jew minn regolamenti magħmulin mill-awtorita` kompetenti bis-saħħa ta’ dik il-liġi;*

Din il-kontravvenzjoni tiskatta biss jekk ma jkunx hemm disposizzjonijiet fl-istess Kodici jew f’liġi oħra li jkopru l-infrazzjoni meta jkun sar xi ħaġa mingħajr liċenzja tal-awtorita` kompetenti.

Billi l-infrazzjoni hija koperta mis-subartikolu 38(2)(c) tal-L.S. 441.07, allura, jekk l-appellant jinstab hati tal-ewwel akkuza, ma ghandux jinstab hati tat-tieni wahda, ghaliex il-kontravvenzjoni kontemplata mis-subartikolu 338(gg) tigi fis-sehh biss jekk ma jkunx hemm artikolu specifiku fil-ligi li jkopri l-allegata infrazzjoni.

Is-subartikolu 338(gg) mill-mod kif inhu stilat jidher car li huwa speci ta’ “safety net” biex ikun jista` jigi imharrek ai termini tieghu min jaghmel xi haga li jkollha bzonn licenzja minn awtorita` kompetenti meta ma jkollux tali licenzja, imma biss minn barra mill-kazijiet imsemmijin espressament f’dan il-Kodici jew f’ligi ohra.

Peress illi infrazzjoni ta’ dak it-tip hija punibbli inter alia ai termini tar-regolament 38(2)(c) tal-L.S 441.07 allura, f’kaz li tinstab htija taht dak is-subregolament, l-appellant ma jistax u ma ghandux jinstab hati ai termini tas-subartikolu 338(gg) tal-Kap. IX.

Dan l-aggravju jsib konfort f’sentenza ta’ dina l-Onorabbli Qorti kif presjeduta mill-Onorevoli Imhallef David Scicluna datata fl-ismijiet Il-Pulizija vs Gualtiero Cassar datata it-13 ta’ Settembru 2005, fejn intqal hekk :

*Pero`, minn ezami li din il-Qorti għamlet tal-ħames imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant jirrizulta li t-tieni u r-raba' imputazzjonijiet jirreferu għall-istess fatti li bih ġie akkuzat fl-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet rispettivament, b'dan li t-tieni u r-raba' imputazzjonijiet jirreferu għall-ksur tal-artikolu 338(gg) tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet jirreferu ghall-ksur ta' regolamenti taht l-A.L. 392/1929.*
*Skond l-artikolu 338(gg) tal-Kodici Kriminali, huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull* min **"minn barra mill-kazijiet imsemmijin espressament f'dan il-Kodici jew f'ligi ohra, *jaghmel xi haga minghajr licenza ta' l-awtorita` kompetenti, meta din il-licenza hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita` kompetenti bis-sahha ta' dik il-ligi"*** *(sottolinear ta' din il-Qorti). Il-fatt li l-appellant ippermetta li tindaqq muzika minghajr licenzja tal-awtorita` kompetenti u l-fatt li naqas milli jqieghed gewwa gwarnic u f'post fejn jidher sew fil-hanut kopja ta' kull licenzja jew permess moghtija lilu mill-awtorita` kompetenti huma msemmijin espressament f'ligi ohra, cioe` fir-regolamenti 22(1) u 27 ta' l-Avviz Legali 393/1929. Ghalhekk it-tieni imputazzjoni hi assorbita fl-ewwel u r-raba' imputazzjoni fit-tielet.*

Illi fis-seduta tal-4 t'Ottubru, 2013, wara li l-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur, il-prosekuzzjoni u d-difiża qablu kif ġej dwar l-appelli numru 232/2012, 233/2012, 234/2012, 235/2012 u 515/2011:

a) f'kull wieħed minn dawn l-appelli d-difiża qed iċċedi l-aggravju dwar il-mertu;
b) id-difiża pero' qed iżżomm sħiħ l-aggravju dwar il-piena b'mod speċjali fejn għandha x'taqsam is-sospensjoni tal-liċenzja fi tlieta mill-appelli;
ċ) Il-Prosekuzzjoni mhix toġġezzjona dwar dik il-parti tal-piena fejn id-difiża qed titlob li ma tkunx imposta s-sospensjona tal-liċenzji fl-appelli 232/2012, 233/2012 u 234/2012 minħabba li la l-artikolu 20 tal-Kap 441 u lanqas l-artikolu 320 tal-Kap 10 ma jesiġu sospensjoni tal-Liċenzja jekk ma jkunx hemm reċidiva.

Ġaladarba sar dan il-verbal, il-Qorti ser tillimita ruħha primarjament għal dik li hija piena. Biss qabel tgħaddi għall-piena l-Qorti qed tittratta brevement dwar l-ewwel aggravju li għandu x'jaqsam mal-mod kif kien imħarrek l-appellant. Bir-rispett kollu l-artikolu13 tal-Att dwar l-Interpetazzjoni (Kap 246) ma jirrikjedix li li bilfors li min ikun direttur, manager, segretarju jew li għandu rwol simili f'soċjeta' għandu bżonn jitħarrek kif indika l-abbli difensur. Għalhekk l-ewwel aggravju huwa respint. It-tieni aggravju huwa dwar il-mertu iżda l-aggravju ġie ċedut fil-verbal li sar fl-4 t'Ottubru 2013. It-tielet aggravju huwa dwar it-tieni imputazzjoni li tirreferi għall-kontravenzjoni 338(gg) tal-Kap 9 u li d-difiża ssib li din hija ripetizzjoni tal-ewwel waħda. Dwar dan il-punt id-difiża għandha raġun għaliex la l-Liġi Speċjali tipprovdi diġa' dwar in-nuqqas ta' liċenzja, m'hemmx għalfejn li tingħata wkoll l-imputazzjoni taħt l-artikolu 338(gg).

Dwar il-piena, skont l-artikolu 18(1)(a) il-multa tista' tvarja minn €116.47 sa €1164.69. Il-Qorti tal-Maġistrati imponiet multa ta' €200. Din tqarreb sew lejn il-minimu u għalhekk il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha titnaqqas.

**Decide**

**Ġaladarba d-difiża ċediet l-aggravju dwar il-mertu, il-Qorti, wara li kkonsidrat is-sottomissjonijiet kollha inklużi dawk tal-verbal magħmul fis-seduta tal-4 t'Ottubru, 2013, qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ewwel ta' Diċembru 2011 fl-ismijiet premessi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------